



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9311/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0131(NLE)

ACP 65
WTO 114
COASI 76
RELEX 496

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Lulju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 273 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda li għandha ssir fil-Ftehim biex titqies l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 273 final.

Mehmuż: COM(2020) 273 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.7.2020
COM(2020) 273 final

2020/0131 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda li għandha ssir fil-Ftehim biex titqies l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-Proposta tikkonċerna d-deċizzjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Ftehim li jittieħed kont tal-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa mal-ftehim.

2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mal-pajjiżi tal-AKP.

Fit-30 ta' Lulju 2009 l-Unjoni ffirmat il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, ("il-Ftehim"), li stabbilixxa qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika¹. Il-Ftehim għandu l-għan li:

- (a) l-Istati tal-Paċifiku jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-aċċess aħjar għas-suq offrut mill-UE;
- (b) jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-Istati tal-Paċifiku fl-ekonomija dinjija;
- (c) tiġi stabbilita żona ta' kummerċ ħieles bejn il-Partijiet ibbażata fuq l-interess komuni, permezz tal-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ b'mod li jkun konformi mar-regoli applikabbli tad-WTO u l-prinċipju tal-asimetrija, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi u l-limitazzjonijiet fil-kapaċità tal-Istati tal-Paċifiku, f'dawk li huma livelli u puntwalità ta' impenji;
- (d) jistabbilixxi l-arranġamenti xierqa għar-riżoluzzjoni tat-tilwim; kif ukoll
- (e) jiġu stabbiliti l-arranġamenti istituzzjonali xierqa.

Il-Papua New Guinea u r-Repubblika tal-Fiġi qed japplikaw il-Ftehim b'mod provviżorju mill-20 ta' Diċembru 2009 u mill-28 ta' Lulju 2014, rispettivament.

L-Artikolu 80 tal-FSE jipprevedi li Gżejjer oħra tal-Paċifiku jistgħu jaderixxu mal-Ftehim abbażi tas-sottomissjoni ta' offerta ta' aċċess għas-suq konformi mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994. Għaldaqstant, l-Istat Indipendenti ta' Samoa aderixxa mal-Ftehim fl-21 ta' Diċembru 2018² u ilu japplikah b'mod provviżorju mill-31 ta' Diċembru 2018. Jinsabu għaddejjin proċeduri tal-Partijiet rigward l-adeżjonijiet tal-Gżejjer Solomon u tar-Renju ta' Tonga, li indikaw l-interessi tagħhom li jaċċedu għall-Ftehim.

Wara l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa għall-Ftehim, huwa meħtieġ li jiġu introdotti modifiki tekniċi fil-Ftehim biex tiżdied l-offerta tiegħu ta' aċċess għas-suq mal-Anness II tal-Ftehim.

2.2. Il-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE

L-Artikolu 68 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika jistabbilixxi Kumitat tal-Kummerċ li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet (l-UE u l-Istati tal-Paċifiku).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1).

² ĠU L 333, 28.12.2018, p. 1.

Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jindirizza l-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat tal-Kummerċ jista’:

- (f) jistabbilixxi u jissorvelja kwalunkwe kumitat jew korp speċjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim;
- (g) jiltaqa’ fi kwalunkwe ħin miftiehem mill-Partijiet;
- (h) iqis kwalunkwe kwistjoni taħt il-Ftehim u jieħu azzjoni xierqa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu; kif ukoll
- (i) jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet f’każijiet previsti fil-Ftehim.

2.3. Id-deċiżjoni prevista tal-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE

Fit-3-4 ta’ Ottubru 2019, matul is-seba’ laqgħa tiegħu, il-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE adotta rakkomandazzjoni lill-Partijiet għall-Ftehim, fost l-oħrajn, li tirrakkomanda li jiġi emendat il-Ftehim sabiex titqies l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta’ Samoa. Il-bidliet meħtieġa jinkludu ż-żieda tal-offerta ta’ aċċess għas-suq ta’ Samoa mal-Anness II tal-Ftehim.

L-Artikolu 13 tal-Ftehim jipprovdi li l-Kumitat tal-Kummerċ bi ftehim jista’ jimmodifika l-Anness II tal-Ftehim fi kwalunkwe mod meqjus xieraq.

Għaldaqstant, fi XX XX XX, matul it-tmien laqgħa tiegħu, il-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE għandu jadotta d-deċiżjoni tiegħu li jagħmel l-emenda teknika meħtieġa għall-Ftehim sabiex titqies l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta’ Samoa .

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F’ISEM L-UNJONI

Id-deċiżjoni tal-Kunsill proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni f’dak li għandu x’jaqşam mal-adozzjoni tal-emendi ssuġġeriti għal dan il-Ftehim, biex titqies l-adeżjoni reċenti tal-Istat Indipendenti ta’ Samoa..

Tali pożizzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ dwar l-emenda għall-Ftehim mehmuż mal-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill.

Is-suġġett tar-rakkomandazzjoni prevista jikkonċerna l-politika tal-kummerċ, qasam li fir-rigward tiegħu l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi għal deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ attwali

Il-Kumitat tal-Kummerċ huwa korpi stabbilit bil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika.

L-emenda li għandha tiġi adottata mill-Kumitat tal-Kummerċ għandu jkollha effetti legali. Malli jiġi adottat, l-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Ftehim.

L-emendi previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u l-kontenut tar-rakkomandazzjoni prevista li tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni dwarha. Jekk ir-rakkomandazzjoni prevista jkollha żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ attwali

L-għan u l-kontenut tar-rakkomandazzjoni prevista jirrelataw mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONI PREVISTA

Billi d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ se jemenda l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, ikun xieraq li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda li għandha ssir fil-Ftehim biex titqies l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Lulju 2009 l-Unjoni ffirmat Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, ³(“il-Ftehim”), li stabbilixxa qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika. Il-Ftehim ġie applikat provviżorjament mill-Papua New Guinea u mir-Repubblika ta' Fiġi mill-20 ta' Diċembru 2009 u mit-28 ta' Lulju 2014 rispettivament.
- (2) L-Artikolu 80 tal-FSE jipprevedi li Gżejjer oħra tal-Paċifiku jistgħu jaderixxu mal-Ftehim abbażi tas-sottomissjoni ta' offerta ta' aċċess għas-suq konformi mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994. Għaldaqstant, l-Istat Indipendenti ta' Samoa aderixxa mal-Ftehim fl-21 ta' Diċembru 2018⁴ u ilu japplikah b'mod provviżorju mill-31 ta' Diċembru 2018.
- (3) L-Artikolu 68 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat tal-Kummerċ irid jindirizza l-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.
- (4) Fit-3-4 ta' Ottubru 2019, matul is-seba' laqgħa tiegħu, il-Kumitat għall-Kummerċ tal-FSE adotta rakkomandazzjoni lill-Partijiet għall-Ftehim, fost affarijiet oħra, li tirrakkomanda li jiġi emendat il-Ftehim sabiex titqies l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa. Il-bidliet meħtieġa jinkludu ż-żieda tal-offerta ta' aċċess għas-suq ta' Samoa mal-Anness II tal-Ftehim.
- (5) L-Artikolu 13 tal-Ftehim jipprovdi li l-Kumitat tal-Kummerċ bi ftehim jista' jimmodifika l-Anness II tal-Ftehim fi kwalunkwe mod meqjus xieraq.
- (6) It-tmien laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ għandha ssir fi XX XX 2020, meta l-Kumitat tal-Kummerċ se jkun jista', skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim, jintroduċi l-emenda teknika għall-Ftehim sabiex titqies l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa.
- (7) Jenħtieġ li l-Unjoni tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed fi ħdan it-tmien laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ fir-rigward tad-deċiżjoni prevista.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/729/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1).

⁴ ĠU L 333, 28.12.2018, p. 1.

- (8) Jenħtieġ għalhekk, li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan it-tmien laqgħa tal-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-Kummerċ fit-tmien laqgħa tiegħu fir-rigward tal-emenda għall-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra sabiex titqies l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*F'isem il-Kunsill
Il-President*